MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 818/2012

**Luke Vella**
**ID 319082M**

**Vs**

**Pierre Sghendo**
**Id 526475M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2012 fejn l-attur talab illi permezz ta' sentenza datata 29 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur J. Vella vs Pierre Sghendo,) l-intimat gie ordnat ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) rapprezentanti hsarat minnu kagunati fil-propjeta tar-rikorrenti u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi somma ohra dovuta fuq dan il-mertu.

Illi t-total tal-hsarat sofferti mir-rikorrenti mill-agir tal-intimat huwa fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u tnejn u sittin ewro (€3,362) li minnhom l-initmat gia hallas

elfejn ewro (€2,000) sabiex b'hekk fadal bilanc ta' elf tlett mija u tnejn u sittin ewro (€1,362).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil dan t-Tribunal joghogbu jikkundana lill-intimat ihallas is-somma ta' elf tlett mija u tnejn u sittin ewro (€1,362) rapprezentanti l-bilanc tal-hsarat minnu kagunati fil-fond 14, St. Denis, Flat 4, Triq Olaf Palme, Fgura.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta risposta fl-24 ta' Jannar, 2013 fejn eccepixxa illi l-konvenut mhux responsabbli ghal kwalunkwe danni jew hsarat fuq l-oggetti indikati minnu u filfatt huwa ga ghamel tajjeb ghal kwalunkwe hsara kkawzata minnu.

Illi in oltre l-ammont pretiz mhux dovut kif mitlub u dan peress illi l-ammont ma jirriflettiex l-ammont reali ta' l-oggetti ndikati.

Xehed l-attur Luke Vella li spjega l-ammont li qed jitlob ta' xhiex huwa dovut. Spjega ukoll illi l-konvenut kien diga hallas is-somma ta' elfejn ewro (€2,000).

Xehdu persuni li harhu l-invoices jew quotationes li jammontaw ghas-somma mitlubha mill-attur, li kkonfermaw id-dokumenti pprezentati mill-attur.

Il-konvenut minkejja li nghata c-cans li jressaq il-provi tieghu ma ressaq ebda prova. Ghalhekk it-Tribunal ghadda biex jiddecidi l-kaz fuq il-provi mressqa quddiemu.

Peress li t-Tribunal huwa konvint illi ghad hemm spejjez elf tlett mija u tnejn u sittin ewro (€1,362) x'jithallsu jilqa' it-talba attrici u jikkundana lill-konvenut ihallas is-somma elf tlett mija u tnejn u sittin ewro (€1,362) lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------